

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-leġiżlazzjoni u l-politiki Ewropej dwar l-immigrazzjoni”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2010/C 128/06)

Relatur: **is-Sur PARIZA CASTAÑOS**

Nhar is-26 ta' Frar 2009, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura, li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-politika u l-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-immigrazzjoni.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Ottubru 2009.

Matul l-457 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-4 u fil-5 ta' Novembru 2009 (seduta tal-4 ta' Novembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'mod unanimu.

1. Preżentazzjoni u sfond

1.1. Il-KESE ddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja biex jipproponi li l-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-immigrazzjoni u l-fruntieri għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u jfjorkaw prinċipalment fuq il-libertà u s-sigurtà ta' kulħadd.

1.2. B'ħafna diffikultajiet politiċi fi ħdan il-Kunsill, l-UE qiegħda tattareza lilha nnifisha b'qafas leġiżlattiv komuni fil-qasam tal-immigrazzjoni, li jagħti drittijiet sopranazzjonali u garanziji li jmorru lil hinn mil-liġijiet li jinbidlu (u kultant restrittivi) tal-Istati Membri. Il-KESE jilqa' l-progress li sar: it-tfassil ta' leġiżlazzjoni komuni għal 27 Stat Membru mhux waħda, speċjalment f'qasam sensitiv bħall-immigrazzjoni.

1.3. Madankollu, in-natura minima tal-armonizzazzjoni ta' ħafna minn dawn ir-regoli qed ixkekkel l-eżistenza ta' garanziji sħaħ u adegwati għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, it-traspożizzjoni tad-direttivi Ewropej fil-liġi nazzjonali mhijiex miexja sew f'ċerti Stati Membri fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

1.4. Matul dawn l-aħħar snin, il-KESE fassal għadd ta' opinjonijiet li jagħmlu appell sabiex il-politika komuni dwar l-immigrazzjoni tkun imsejsa fuq approċċ komprensiv, li jirrifletti mhux biss il-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-UE iżda wkoll il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-orijini u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-immigranti.

1.5. Fis-16 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill Ewropew laħaq ftehim dwar il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil u fisser l-impenn politiku qawwi tal-UE sabiex il-politika komuni dwar

l-immigrazzjoni timxi 'l quddiem. Matul il-Presidenza Svediża, l-UE għandha tadotta l-Programm ta' Stokkolma ⁽¹⁾.

1.6. Huwa wkoll mistenni li t-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ; dan jista' jagħti impetu għid lill-implimentazzjoni tal-politiki tal-immigrazzjoni li se jiġu adottati permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jagħti karattru legalment vinkolanti lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

1.7. Matul dawn l-aħħar snin, il-KESE saħħa il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u stabbilixxa rabta dejjiema ta' parteċipazzjoni permezz tal-Forum Ewropew dwar l-integrazzjoni ⁽²⁾. Il-Kumitat impenja ruħu bis-sħiħ sabiex jiżgura li s-soċjetà ċivili tkun involuta fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-integrazzjoni.

1.8. Il-Kumitat jinsab imħasseb huwa u josserva li fl-Ewropa qed jikbru l-intolleranza, ir-razzismu u l-ksenofobija kontra l-immigranti, kontra “l-oħrajn”, u jibża' li l-effetti soċjali tal-kriżi finanzjarja se jikkontribwixxu sabiex dawn jiżdiedu. Il-politiċi u persuni oħrajn li jinfluwenzaw is-soċjetà, flimkien mal-mezzi tax-xandir, għandhom jaġixxu bl-akbar responsabbiltà u jkunu ta' eżempju politiku u soċjali ċar favur il-prevenzjoni ta' mgħiba bħal din. It-tagħlim tal-valuri umani, tad-drittijiet fundamentali, tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni għandu jingħata post aktar prominenti fil-kurrikuli tal-iskejjel primarji u sekondarji.

2. Id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-politiki tal-immigrazzjoni

2.1. Fost il-bosta strumenti internazzjonali, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddikjara n-natura universali ta' sistema komuni ta' prinċipji u valuri.

⁽¹⁾ COM(2009) 262 finali, 10.6.2009.

⁽²⁾ Il-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni u s-sit elettroniku tal-UE dwar l-integrazzjoni.

2.2. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), li ġiet iffirmata f'Ruma fl-1950 u li gábrat l-adeżjoni tal-Istati Membri kollha, u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) jiffurmaw is-sisien u l-garanzija ta' dawn id-drittijiet fit-territorju kollu tal-UE.

2.3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (jew "Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea", QĠE) irrikonoxxiet li l-KEDB u l-QEDB jiffurmaw parti mis-sistema legali komuni tal-Komunità u jipprovdut prinċipji ġenerali fi ħdan din is-sistema.

2.4. Dan ġie kkonfermat mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li saħħaħ il-garanzija tad-drittijiet fundamentali fis-sistema legali Ewropea u l-kompetenza tal-QĠE biex tinforza r-rispett ta' dawn id-drittijiet fl-azzjoni meħuda mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri f'oqsma suġġetti għall-ġi Komunitarja.

2.5. Minkejja li l-Istati għandhom id-dritt sovrán li jikkontrollaw id-dħul u li jagħtu l-permessi ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-KESE jfakkar li l-istess Stati għandhom jikkonformaw mal-obbligi tagħhom relatati mal-istrumenti u l-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-interpretazzjoni (u l-implimentazzjoni) tagħhom mill-grati kompetenti.

2.6. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tinkorpora drittijiet ġodda li ma kinux inklużi fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ⁽³⁾. Barra minn hekk, għadd kbir ta' dawn id-drittijiet japplikaw indipendentement miċ-ċittadinanza ta' dak li jkun. Il-Karta se tkun vinkolanti wara r-ratiffika tat-Trattat ta' Lisbona u se ssaħħaħ is-sigurtà legali tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. Il-Karta se tkun applikabbli fl-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, speċjalment meta dawn japplikaw il-ġi Komunitarja, u se ssaħħaħ ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni.

2.7. Permezz tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni se jkollha l-għażla li taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; dan ikun jista' jsaħħaħ l-impenn tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

2.8. Il-Kumitat appoġġja wkoll ⁽⁴⁾ il-ħolqien tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali. Fl-2008, il-Kunsill Ewropew adotta l-qafas multiannwali tal-Aġenzija li jkopri disa' oqsma tematiċi, fosthom ir-razzismu u l-ksenofobija; id-diskriminazzjoni; l-asil, l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni; kif ukoll il-viżi u l-kontroll fil-fruntieri. Il-KESE jixtieq ikun involut fl-Aġenzija, sabiex isaħħaħ ir-rwol li taqdi s-soċjetà ċivili organizzata fil-ħidma ta' din l-Aġenzija.

2.9. Madankollu, minkejja dawn l-istrumenti u l-istrutturi Komunitarji, bosta organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u rapporti minn riċerkaturi indipendenti u universitarji wrew li wħud mill-politiki u mil-ġijiet nazzjonali u Ewropej ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali b'mod adegwat.

2.10. Fir-rigward tal-politiki Komunitarji, hemm ukoll għadd kbir ta' rapporti li jindikaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-immigranti f'bosta Stati Membri; f'okkażjonijiet oħra, il-politiki Ewropej jilleġittimaw Prattiki nazzjonali ta' immigrazzjoni li huma inkompatibbli mad-drittijiet tal-bniedem u mal-istat tad-dritt.

⁽³⁾ ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KESE; ĠU C 88, 11.4.2006, p. 37.

2.11. F'opinjoni reċenti ⁽⁵⁾, il-Kumitat wera li "l-politika u l-leġislazzjoni tal-immigrazzjoni għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha, it-trattament ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni. Biex isaħħaħ dan l-oġġettiv, il-KESE jipproponi li għandhom jiddaħħlu żewġ prinċipji komuni ġodda għall-istadi futuri tal-politika Ewropea dwar l-immigrazzjoni kif imfassla fil-Programm ta' Stokkolma: id-Drittijiet Fundamentali, u l-Istat tad-Dritt u l-Libertajiet Fundamentali".

2.12. Il-libertajiet fundamentali għandhom jingħataw lil kulħadd, u mhux biss liċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-persuni li jfittxu l-asil u l-immigranti huma mħarsa mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, il-ġi Ewropea dwar l-immigrazzjoni u l-fruntieri u l-każistika tal-QĠE jipprovdut sensiela ta' garanziji u drittijiet li jmorru lil hinn mill-marġini ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri.

2.13. Il-KESE ppropona wkoll ⁽⁶⁾ li, fil-qafas tal-politika esterna, l-UE għandha ttipponi qafas legali internazzjonali għall-migrazzjoni fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Patt dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u tal-Patt dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali. Dan il-qafas għandu jinkludi l-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u l-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom, li għadha ma ġietx irratifikata mill-Istati Membri tal-UE, minkejja l-fatt li l-KESE adotta opinjoni fuq inizjattiva proprja ⁽⁷⁾ fejn ippropona li dan għandu jsir.

2.14. Fil-Programm għall-Ewropa ⁽⁸⁾, il-Kumitat jipproponi wkoll li d-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu rrispettati fl-UE u b'mod partikolari fil-politiki tal-immigrazzjoni u l-asil.

2.15. Il-KESE jikkunsidra li l-valuri u l-prinċipji tal-UE, il-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem għandhom jiġu msaħħa permezz ta' awtorità politika viżibbli u robusta fil-livell Ewropew. Għaldaqstant, huwa jappoġġja l-proposta tal-President Barroso li tinholq il-kariga ta' Kummissarju Ewropew responsabbli għall-Ġustizzja, id-Drittijiet Fundamentali u l-Libertajiet Ċivili. Il-Kumitat jemmen li dan id-dipartiment se jkun attrezzat bl-istrumenti politiċi u r-riżorsi organizzattivi u finanzjarji meħtieġa, sabiex iwettaq din ir-responsabbiltà kbira.

2.16. Madankollu, il-Kumitat jiddispijaħ li l-immigrazzjoni u l-asil mhumiex inklużi f'dan il-portafoll, minħabba li ġew ikklassifikati bħala kwistjonijiet ta' sigurtà interna, li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Kummissarju ieħor. L-assimilazzjoni tal-immigrazzjoni mas-sigurtà u s-separazzjoni tagħha mill-ħarsien tad-drittijiet fundamentali jibagħtu messaġġ politiku ħażin.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE; ĠU C 218, 11.9.2009, p. 78.

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE; ĠU C 44, 16.2.2008, p. 91.

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE; ĠU C 302, 7.12.2004, p. 49.

⁽⁸⁾ Programm għall-Ewropa: <http://www.eesc.europa.eu/documents/publications/pdf/booklets/EESC-2009-10-MT.pdf>.

3. L-universalità tad-drittijiet tal-bniedem

3.1. Illum l-Ewropa qed tiffaċċja sfida kbira: li tiżgura li kull persuna tgawdi mid-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tas-sistemi legali tal-UE u tal-Istati Membri; dawn huma bbażati fuq il-kunċett tradizzjonali taċ-ċittadinanza, li jiċħad uħud minn dawn id-drittijiet lin-“nonċittadini”, u fuq id-distinzjoni legali bejn ċittadini u stranġieri, bejn immigranti legali u dawk irregolari.

3.2. Il-korpi tal-liġi dwar l-immigrazzjoni fl-Ewropa ma jggarantixxux b'mod adegwat l-istatus tal-immigranti bħala persuni intitolati għal drittijiet u għal protezzjoni. Ir-rabta legali stretta bejn il-permessi ta' xogħol u ta' residenza tagħmilha perfettament ċara li l-immigranti mhumiex meqjusa bħala persuni iżda bħala ħaddiema, jiġifieri bħala għodda għad-dispożizzjoni tas-suq tax-xogħol li tiflew il-possibbiltà li tibqa' legalment fil-pajjiż ġaladarba ma tibqax meħtieġa. Għaldaqstant, dawn jitlew ħafna mid-drittijiet tagħhom hekk kif jinbidel l-istatus amministrattiv tagħhom u jsiru “persuni mingħajr dokumenti”.

3.3. Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, irrevokabbli u jipproteġu lil kulħadd, indipendentement mill-kondizzjoni jew l-istatus legali tagħhom.

4. Id-drittijiet tal-bniedem u l-politika tal-immigrazzjoni: għaxar prijoritajiet operattivi għall-Ewropa sabiex tkun żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

4.1. Ewropa tad-Drittijiet

4.1.1. F'dawn l-aħħar snin, il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tilfu mill-importanza tagħhom fl-aġenda tal-UE. Is-sigurtà tal-Istat kienet il-prijorità politika u ġiet meqjusa bħala inkompatibbli ma' aktar libertà u ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

4.1.2. Kwalunkwe politika tas-sigurtà li tiġi adottata għandha tħares il-valuri tal-libertà u l-ġustizzja. Il-KESE jqis li dawn il-politiki għandhom ikunu msejsa fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali li huma ggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

4.1.3. It-tisħiħ tas-sigurtà ma għandux jhedded il-valuri fundamentali (id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet pubbliċi) jew il-prinċipji demokratiċi (l-istat tad-dritt) li huma komuni għall-Unjoni. Il-libertà tal-individwu ma għandhiex tiġi ostakolata bl-iskuża tal-għan tas-sigurtà kollettiva u statali. Xi proposti ta' politiki jtennu l-iżball li sar fl-imgħoddi billi jissagrifikaw il-libertà f'isem it-titjib tas-sigurtà.

4.1.4. Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2009 dwar *Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini*, li tqis il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej bħala prijorità.

4.1.5. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippromovi kultura tad-drittijiet fundamentali sa mill-ewwel stadji tal-proċess leġislattiv, inkluża l-politika tal-immigrazzjoni. Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali għandu jkun mira komuni

għall-istituzzjonijiet Komunitarji kollha⁽⁹⁾. Għandu jkun hemm ukoll sistema Ewropea komuni ta' evalwazzjoni *ex post* perjodika tal-applikazzjoni tal-politiki Ewropej adottati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fir-rigward ta' kemm huma kompatibbli mad-drittijiet fundamentali u ta' kemm huma effettivi⁽¹⁰⁾. Il-KESE u s-soċjetà ċivili organizzata wkoll għandhom jaqdu rwol ewlieni f'dawn l-evalwazzjonijiet.

4.2. Il-leġislazzjoni dwar l-ammissjoni

4.2.1. Il-KESE diġà talab li l-UE tattarezza ruħha b'politika komuni dwar l-immigrazzjoni u b'leġislazzjoni armonizzata. Jeh-tieġ li l-UE u l-Istati Membri jkollhom leġislazzjoni miftuħa li tippermetti l-immigrazzjoni għall-finijiet ta' xogħol permezz ta' rotot legali u trasparenti għall-ħaddiema, kemm dawk bi kwalifiki għolja u kemm dawk b'inqas kwalifiki. B'dan il-mod, id-drittijiet tal-immigranti jkunu mħarsa b'mod adegwat.

4.2.2. Il-Kumitat ippropona leġislazzjoni orizzontali iżda l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Kunsill iddeċidew li jfasslu direttivi speċifiċi għal ċerti gruppi ta' immigranti; dan huwa fatt li jista' jagħti lok għad-diskriminazzjoni.

4.2.3. Fl-opinjonijiet tiegħu dwar l-inizjattivi leġislattivi tal-Kummissjoni, il-KESE jipprova jiżgura l-konsistenza globali u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, flimkien mat-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni, indipendentement mill-kategorija professjonali tal-ħaddiema immigranti.

4.3. Id-drittijiet tal-ħaddiema immigranti u l-familji tagħhom

4.3.1. Il-pedament għandu jkun il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni (Artikolu 21 tal-Karta). Il-ħaddiema immigranti għandhom igawdu mill-istess drittijiet ekonomiċi, professjonali u soċjali bħall-ħaddiema l-oħra, ikun xi jkun il-perjodu tal-permess ta' residenza u ta' xogħol tagħhom. Dan huwa wkoll konformi mal-Artikolu 15(3) tal-Karta, li jgħid hekk: “iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati jaħdmu fit-territorji tal-Istati Membri għandhom id-dritt għal kondizzjonijiet ta' xogħol ekwivalenti għal dawk li jgawdu minnhom iċ-ċittadini tal-Unjoni”.

4.3.2. It-trattament ugwali fil-qasam tax-xogħol jikkonċerna l-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi, is-sensji, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u d-dritt ta' assoċjazzjoni u ta' strajk.

4.3.3. Il-KESE jikkunsidra li t-trattament ugwali għandu jkun promoss b'rabta ma' drittijiet soċjali u fundamentali oħra, kif propost f'opinjoni preċedenti: “il-KESE jipproponi numru ta' drittijiet li għandhom jingħataw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu u jgħixu legalment, għalkemm temporanjament, fi Stat Membru”⁽¹¹⁾, bħalma huma:

— id-dritt għall-protezzjoni soċjali, inkluża l-kura medika;

⁽⁹⁾ Rapport mill-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*, COM(2009) 205 finali, 29.4.2009.

⁽¹⁰⁾ Dan ikun konformi mal-Artikolu 60 tat-Trattat ta' Lisbona.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE; ĠU C 286, 17.11.2005, p. 20.

- l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni (Artikoli 34 u 35 tal-Karta);
- l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (Artikolu 14 tal-Karta);
- ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki fil-qafas tal-leġiżlazzjoni Komunitarja;
- ir-rikonoxximent tad-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema migranti li jkunu sekondati fl-UE ⁽¹²⁾;
- id-dritt għall-edukazzjoni tal-minuri, inklużi l-iffinanzjar u l-għotjiet għall-istudju;
- id-dritt għal assistenza legali mingħajr ħlas f'każ ta' bżonn (Artikolu 47 tal-Karta);
- id-dritt għall-aċċess ta' servizz mingħajr ħlas ta' stazzjonar mill-ġdid (servizz pubbliku);
- id-dritt li wieħed jiġi mgħallem il-lingwa tal-pajjiż ospitanti;
- ir-rispett tad-diversità kulturnali, reliġjuża u lingwistika (Artikolu 22 tal-Karta);
- id-dritt tal-moviment ħieles u tar-residenza fi ħdan l-Istat Membru.

4.3.4. Il-kapaċità tal-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiddependi minn kemm is-servizzi pubbliċi jingħataw il-mezzi sabiex jirrispettawhom (riżorsi, taħriġ tal-impjegati) u minn kemm ir-rappreżentanti tagħhom ikunu marbuta legalment li jitrattaw l-individwi b'mod newtrali u indipendenti. Barra minn hekk, il-KESE għandu d-dubbi tiegħu, f'dan il-perijodu ta' kriżi, dwar ir-riżorsi baġitarji li l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom u dwar il-livell ta' dawn ir-riżorsi li huma lesti joħorġu, fuq livell nazzjonali u Ewropew, sabiex il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment dawk tal-immigranti, ikun effettiv.

4.3.5. Il-Kumitat ma jaqbilx mal-proposta għal direttiva qafas li tippermetti lill-Istati Membri li jillimitaw id-dritt għal trattament ugwali fir-rigward ta' xi kondizzjonijiet tax-xogħol (inklużi pagi u sensji, saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali), tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni u tad-dritt ta' strajk ⁽¹³⁾, għal dawk il-persuni li għandhom impjeg. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu wkoll idgħajfu l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u l-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet.

4.3.6. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippreżenta Kodiċi Ewropea dwar l-Immigrazzjoni, li għandha tkopri d-drittijiet fundamentali u l-garanziji għall-immigranti kollha fl-UE.

⁽¹²⁾ Fil-qafas tal-Proposta għal Direttiva li l-Kummissjoni se tadotta fix-xhur li ġejjin.

⁽¹³⁾ COM(2007) 638 finali, Artikolu 12(2)(e) u (d). Skont id-dispożizzjonijiet tal-proposta, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll restrizzjonijiet dwar l-għotjiet għall-istudju u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll jillimitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni pubblika għal dawk li għandhom il-permess ta' residenza għal tal-anqas tliet snin.

4.4. Riunifikazzjoni tal-familja

4.4.1. Id-dritt għall-ħajja tal-familja huwa wieħed mid-drittijiet tal-bniedem li l-UE u l-Istati Membri għandhom iħarsu u jggarantixxu fil-politiki u l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar l-immigrazzjoni ⁽¹⁴⁾.

4.4.2. In-natura minimalista tad-Direttiva 2003/86/KE tal-Kunsill dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja tippermetti li xi liġijiet nazzjonali ma jggarantixxux bis-sħiħ id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan ġie kkonfermat fir-rapport mill-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni tad-direttiva ⁽¹⁵⁾ li jqajjem dubju dwar il-kompatibbiltà bejn l-applikazzjoni ta' miżuri ta' integrazzjoni bħala prekondizzjoni għall-ammissjoni fit-territorju u d-dritt għall-ħajja tal-familja (Artikolu 7 tal-Karta) u l-prinċipju tal-proporzjonalità.

4.4.3. Il-Kumitat jaħseb li d-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE tadotta aproċċ inqas restrittiv għar-riunifikazzjoni tal-familja mid-Direttiva 2003/86. Dan l-aproċċ għandu jkun estiż għall-kategoriji kollha tal-immigranti, indipendentement minn kemm huma kwalifikati jew le.

4.4.4. Għaldaqstant, il-Kumitat jipproponi li matul l-2010 l-Kummissjoni tfassal proposta biex temenda d-Direttiva 2003/86.

4.5. Fruntieri u immigrazzjoni irregolari

4.5.1. Il-KESE jixtieq li l-kontroll fil-fruntieri ikun effettiv u li jirrispetta d-dritt fundamentali għall-asil (Artikolu 18 tal-Karta) u l-prinċipju ta' *non-refoulement*, li jwaqqaf lill-persuni milli jintbagħtu lura lejn pajjiżi fejn ħajjithom jew il-libertà tagħhom tkun fil-periklu (Artikolu 19 tal-Karta). Bosta persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali jaslu fil-fruntieri esterni permezz ta' rotot klandestini. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li tali persuni jkunu jistgħu jressqu t-talbiet tagħhom għall-ħarsien u li t-talbiet tagħhom jiġu eżaminati mingħajr eċċezzjonijiet b'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej u mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u nazzjonali.

4.5.2. Il-KESE jipproponi li, qabel ma jissaħħu s-setgħat operattivi tal-Aġenzija FRONTEX, għandu jkun hemm evalwazzjoni indipendenti tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem waqt l-operazzjonijiet konġunti ta' kontroll fil-fruntieri u għandu jissaħħa il-kontroll parlamentari nazzjonali u Ewropew. Għandha tiġi evalwata wkoll il-kompatibbiltà mal-garanziji stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, b'mod partikolari fl-Artikoli 6 u 13.

4.5.3. Il-miżuri ta' kontroll u sorveljanza tal-UE relatati mal-immigrazzjoni irregolari qegħdin ukoll jiġu estiżi ġeografikament lil hinn mill-fruntiera esterna tal-UE, permezz ta' operazzjonijiet konġunti fl-Afrika. L-UNHCR u bosta ONG wisew dwar in-nuqqas ta' garanziji rigward ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem meta operazzjonijiet ta' kontroll fil-fruntieri jseħħu barra mit-territorju tal-UE.

⁽¹⁴⁾ Kif indikat il-QĠE fil-każ C-540/03, *Il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill*.

⁽¹⁵⁾ COM(2008) 610 finali, 8.10.2008.

4.5.4. L-istrateġija tal-kontroll fil-fruntieri tal-UE tagħmel użu kbir mit-teknoloġija tas-sigurtà; madankollu, ġew stabbiliti bażijiet tad-data li jitrattaw ammonti kbar ta' data personali (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), eċċ.) u dawn qed jiġu użati biex jiġu fformati profili etniċi u kulturali/reliġjużi. Dan joffri sfida fir-rigward tal-ħarsien tad-dritt tan-nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

4.5.5. Bl-istess mod, is-sistema proposta fil-pakkett dwar il-fruntieri ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2008⁽¹⁶⁾ tqajjem dubju dwar il-proporzjonalità u r-raġonevolezza, li huma essenzjali għal kull leġislazzjoni ġdida fl-UE, u tqajjem ukoll tħassib serju dwar kif il-ħarsien tad-data personali (Artikolu 8 tal-Karta) u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 13 tat-trattat tal-KE se jiġu żgurati fil-kuntest tal-użu ta' ċerti inizjattivi tekonoġiċi (pereżempju s-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika tad-dħul u l-ħruġ).

4.5.6. Il-KESE huwa tal-fehma li, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, għandha tissaħħaħ is-solidarjetà tal-UE ma' dawk l-Istati Membri li, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, ikollhom jitrattaw ma' ammonti kbar ta' vittmi tan-netwerks tat-traffikar kriminali li jaslu b'mezzi irregolari. Il-KESE jipproponi li l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil jibda jiffunzjona.

4.5.7. L-UE għandha tippromovi wkoll il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-orijini sabiex ittejjeb ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tbiegħed l-immigrazzjoni irregolari, tħeġġeġ l-immigrazzjoni legali u tikkumbatti n-netwerks kriminali tat-traffikar tal-persuni.

4.6. Ritorn u riammissjoni

4.6.1. Id-Direttiva dwar ir-Ritorn⁽¹⁷⁾ se tippovdi qafas Ewropew ta' garanziji legali u proċedurali ta' protezzjoni⁽¹⁸⁾, li huma apprezzati mill-KESE, bħar-rimedju effettiv li persuna tappella kontra d-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti indipendenti, kif ukoll rappreżentanza u assistenza legali bla ħlas, ċerti garanziji waqt l-istennija tar-ritorn, il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni, eċċ.

4.6.2. Madankollu, il-KESE jaqbel mal-fehma ta' ħafna organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u esperti indipendenti tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU⁽¹⁹⁾ li jindikaw għadd ta' diskrepanzi bejn is-sistema komuni proposta fid-Direttiva u d-drittijiet fundamentali tal-immigranti. Se jkun hemm bżonn ta' monitoraġġ

dettaljat tal-fażijiet tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali rigward il-miżuri ta' tkeċċija, id-detenzjoni, il-proċeduri tal-appell u trattament ta' persuni vulnerabbli skont id-Direttiva.

4.6.3. Il-Kumitat jipproponi li l-politika Ewropea dwar ir-ritorn għandha tkun imsejsa fuq approċċ volontarju u fuq l-ikbar konsiderazzjoni possibbli tal-valuri umanitarji. Il-leġittimità u l-kredibbiltà tal-politika Ewropea dwar l-immigrazzjoni fil-bqija tad-dinja jiddependu minn dan. L-eċċezzjonijiet li jinstabu, pereżempju, fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva (il-kunċett ta' "riskju ta' ħarba") jistgħu jċaħħdu lir-ritorn min-natura volontarja tiegħu minħabba d-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri waqt it-traspożizzjoni u fl-interpretazzjoni tagħha. Barra minn hekk, id-Direttiva tonqos milli tiżgura protezzjoni adegwata għall-persuni li jitħallew f'limbu legali jistennew li jiġu mkeċċija jew rigward il-kondizzjonijiet li jiġġustifikaw id-detenzjoni tagħhom⁽²⁰⁾, li tista' ddum sa sitt xhur (u tista' tiġi estiża għal tnaħ-il xahar ieħor)⁽²¹⁾.

4.6.4. L-Artikolu 19 tal-Karta jipprojbixxi espressament tkeċċijiet kollettivi u jiżgura li ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew ikun estradit lejn Stat fejn ikun hemm riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pjeni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti – il-prinċipju ta' *non-refoulement* (Artikoli 4 u 19 tal-Karta). Il-Karta tirrinforza r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, l-UNHCR u bosta ONG ikkundannaw każijiet ta' tkeċċija kollettiva u ta' tkeċċija ta' immigranti irregolari u ta' persuni li qed ifittxu l-asil lejn pajjiżi fejn hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

4.6.5. Il-KESE jfakkar li l-Artikoli 3, 5, 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli 3, 4, 19, 24 u 47 tal-Karta fihom dispożizzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe politika Ewropea dwar l-immigrazzjoni irregolari u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-protezzjoni fil-każ ta' ritorn, tkeċċija jew estradizzjoni. Ħafna immigranti irregolari jsibu ruħhom f'pożizzjoni umanitarja diffiċli u huwa minħabba f'hekk li l-liġijiet u l-prattiki li jiġu implimentati, ikunu liema jkunu, għandhom ikunu mfassla u applikati skont kriterji stretti tad-drittijiet tal-bniedem u prinċipji morali msejsa fuq is-solidarjetà.

4.6.6. L-istat tad-dritt iħares id-dritt fundamentali ta' kulħadd għal rimedju effettiv kif stabbilit fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta. Bl-istess mod, l-Artikolu 6(2) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistipula li l-gwardji tal-fruntiera m'għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni għal raġunijiet ta' sess, razza jew orijini etnika, reliġjoni jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali. Ta' min jgħid ukoll li, b'konformità mal-Artikolu 13, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun iċcahħdilhom id-dħul għandhom id-dritt li jagħmlu appell kontra d-deċiżjoni u għandhom jingħataw formola bir-raġunijiet għaċ-ċaħda⁽²²⁾.

⁽¹⁶⁾ COM(2008) 69 finali, 13.2.2008.

⁽¹⁷⁾ Id-Direttiva 2008/115/KE.

⁽¹⁸⁾ Pereżempju l-Artikolu 12(1) u 12(2), 13(1) u 13(2), 13(3) u 13(4), 14(1) u 14(2) tad-Direttiva.

⁽¹⁹⁾ Stqarrija għall-istampa tan-NU li turi t-tħassib tal-esperti tan-NU dwar il-proposta ta' Direttiva tar-Ritorn tal-UE, 18.7.2008.

⁽²⁰⁾ Artikolu 15(1).

⁽²¹⁾ Artikoli 15(5) u 15(6).

⁽²²⁾ Regolament 562/2006 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 105/1, 13.4.2006.

4.6.7. Skont il-mod kif il-QEDB tinterpreta l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ⁽²³⁾, dawk il-persuni li jbatu minn mard fiżiku jew mentali serju m'għandhomx jinżammu f'ċentri ta' detenzjoni jew jitkeċċew, minħabba li għandhom bżonn ta' għajnuna medika. Is-sitwazzjoni tal-minorenni ukoll teħtieġ attenzjoni speċifika u protezzjoni. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni rigward is-sitwazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati.

4.6.8. Il-KESE jqis li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huwa prekundizzjoni indispensabbli biex jiġi ffirmat ftehim ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi u ma jaqbilx li l-UE jew l-Istati Membri jidħlu fi ftehim ta' ripatrijazzjoni jew kontroll fil-fruntieri ma' pajjiżi li għadhom ma ffirmawx l-istrumenti legali ewlenin għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem jew f'każijiet fejn hemm evidenza ta' ksur ta' dawn id-drittijiet. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-dritt fundamentali għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' dawk li jfittxu l-asil ⁽²⁴⁾.

4.7. Ċentri ta' detenzjoni

4.7.1. Il-KESE jtenni l-oppożizzjoni tiegħu għaż-żamma f'kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-persuni li jfittxu l-asil u tal-immigranti irregolari; din għandha tibqa' miżura straordinarja ⁽²⁵⁾.

4.7.2. Iċ-ċirkostanzi li fihom qed isseħħ detenzjoni fit-tul f'għadd ta' Stati Membri bħalissa huma inaċċettabbli u għandhom jiġu analizzati fid-dettall mil-lat tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal amministrazzjoni tajba kif stipulat fl-Artikolu 41 tal-Karta.

4.7.3. Il-Kumitat jappella għal aktar trasparenza fir-rigward ta' ċentri ta' detenzjoni ġewwa u barra l-UE u jitlob li l-UNHCR tinżamm infurmata dwar is-sitwazzjoni tal-persuni li jinżammu f'dawn iċ-ċentri u li dawn il-persuni jingħataw assistenza adegwata mill-ONG.

4.7.4. Il-KESE jemmen li n-nisa tqal u l-minorenni għandhom jirċievu protezzjoni speċjali u ma għandhomx jinżammu f'dawn iċ-ċentri.

4.8. Persuni mingħajr dokumenti

4.8.1. Il-KESE ma jħarisx lejn persuna mingħajr dokumenti bħala persuna mingħajr drittijiet: għaldaqstant, l-UE u l-Istati Membri għandhom iħarsu d-drittijiet fundamentali tagħha.

4.8.2. Jeħtieġ li l-espressjoni "immigrazzjoni illegali", b'referenza għall-migranti, tiġi ċċarata xi ftit. Għalkemm mhux legali li wieħed jidħol f'pajjiż mingħajr id-dokumenti u l-awtorizzazzjoni

meħtieġa, dawk li jagħmlu hekk mhumiex delinkwenti. Ir-rabta li jagħmlu ħafna mill-mezzi tax-xandir u d-diskorsi politiċi bejn l-immigrazzjoni irregolari u d-delinkwenza ma tirriflettix ir-realtà u thegheg attitudnijiet ta' biża' u ta' ksenofobija fost in-nies li jgħixu fil-pajjiż ospitanti.

4.8.3. Il-Kumitat jikkunsidra li ċerti Stati Membri għandhom bżonn jipprovdu ħarsien itjeb tad-drittijiet fundamentali tal-immigranti mingħajr dokumenti, u li l-UE għandha tikkunsidrahom bħala wieħed mill-aktar gruppi vulnerabbli, billi tipprevjeni l-isfruttament tagħhom fis-suq tax-xogħol u billi tiżgurahom aċċess għas-servizzi tas-saħħa, għal servizzi soċjali oħra u għall-edukazzjoni tal-minorenni.

4.8.4. Jeħtieġ li tissaħħaħ il-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (tfa, nisa u rġiel) li jsir bi skopijiet ta' sfruttament sesswali u fis-suq tax-xogħol, b'konformità mal-Artikolu 5(3) tal-Karta. L-Istati Membri għandhom jipprovdu protezzjoni effettiva għall-vittmi, billi jagħmluha aktar faċli għalihom li jikkooperaw mal-awtoritajiet ġudizzjarji u jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tagħhom.

4.9. Regularizzazzjoni

4.9.1. Fil-fehma tal-Kumitat, il-gvernijiet qed jaġixxu b'mod ipokrita. Il-politika tar-ritorn mhijiex l-unika soluzzjoni għall-immigrazzjoni irregolari. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri implimentaw proċeduri biex jillegalizzaw l-immigranti irregolari peress li jqisu li r-regolarizzazzjoni taħt kundizzjonijiet speċifiċi hija adegwata sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet fundamentali, meta wieħed jikkunsidra l-ħtijiet ekonomiċi u soċjali.

4.9.2. Il-KESE jaqbel li għandu jittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-regolarizzazzjoni u li għandhom jifasslu linji gwida implimentattivi Ewropej, fuq il-bażi tal-impenn tal-Kunsill fil-qafas tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil ⁽²⁶⁾, fejn sar qbil li jsiru regularizzazzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ fil-qafas tal-liġi nazzjonali, għal raġunijiet umanitarji jew ekonomiċi.

4.9.3. Fil-każ ta' persuni li jkollhom permess ta' residenza skadut, ir-ritorn permezz ta' ordni ta' tkeċċija għandu jitqies bħala l-aktar miżura estrema. Qabel ma jittieħed dan il-pass, għandu jitqies jekk dawn il-persuni wrewx l-intenzjoni li jġeddu r-residenza tagħhom.

4.9.4. Il-KESE jqis li, f'soċjetà demokratika, il-bżonn ta' tkeċċija għandu jiġi evalwat (prinċipju tal-proporzjonalità) b'konformità mal-interpretazzjoni tal-każistika tal-KEDB ⁽²⁷⁾. Il-Kumitat jipponi li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-għażla li jirregolarizzaw is-sitwazzjoni ta' dawn il-persuni, kif provdut fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tar-Ritorn.

4.9.5. Għandhom ukoll jiġu kkunsidrati l-effetti (u l-vijabbiltà) tat-tkeċċija fuq id-dritt fundamentali għal haġja privata u tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

⁽²³⁾ Artikolu 19 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali jinkorpora l-każistika tal-qorti ta' Strasburgu, u speċifikament id-deċizzjoni tas-17.12.1996, Ahmed kontra l-Awstrija 1996, VI-2006, u d-deċizzjoni Soering tas-7.7.1989.

⁽²⁴⁾ Kif indikat il-QĠE fil-każ C-133/06, Il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

⁽²⁵⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE tas-16 ta' Lulju 2009 dwar *L-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil*, relatur: is-Sinjura Le Nouail-Marlière, approvata waqt is-sessjoni plenarja tal-15 u s-16 ta' Lulju 2009 (ĠU C 317, 23.12.2009, p. 110).

⁽²⁶⁾ Kunsill tal-UE, 1344/08, 24.8.2008.

⁽²⁷⁾ Pereżempju, Boulif v. Switzerland, Nru 54273/00, §§ 39, 41 u 46, 2.11.2001, ECHR 2001-IX. Üner v. the Netherlands [GC], nru. 46419/99, 18.10.2006, § 58.

4.10. *Politiki tal-integrazzjoni*

4.10.1. Il-KESE fassal diversi opinjonijiet fuq inizjattiva proprja li jitolbu lill-UE tadotta politiki tal-integrazzjoni ta' natura proattiva li jkollhom approċċ bidirezzjonali, billi jkunu diretti kemm lejn is-soċjetà ospitanti kif ukoll lejn l-immigranti. L-integrazzjoni hija proċess soċjali li jseħħ f'soċjetà waħda bejn l-immigranti u s-soċjetà ospitanti, u bejn is-soċjetà ospitanti u l-immigranti.

4.10.2. Il-KESE qed jippromovi approċċ Ewropew dwar l-integrazzjoni li jirrifletti l-fatt li kull Stat Membru għandu s-sistemi legali tiegħu, l-istituzzjonijiet soċjali kif ukoll is-sistemi u l-mudelli kulturali tiegħu.

4.10.3. Approċċ Ewropew komuni ikun ifisser valur miżjud sostanzjali għall-politiki u l-proċessi tal-integrazzjoni minħabba r-rabta trasversali tiegħu ma' politiki oħrajn tal-UE, fosthom l-Istrateġija ta' Lisbona, il-politika tal-impjegi, l-aġenda soċjali u l-politika tal-koeżjoni. Dan l-approċċ jista' jsahha ir-rabtiet bejn l-integrazzjoni u l-valuri u l-prinċipji tal-UE msemmija fil-Karta u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4.10.4. Matul l-2008, il-Kumitat ħa sehem attiv fis-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali bil-għan li jiffaċilita l-integrazzjoni u jippromovi ċittadinanza Ewropea aktar inklużiva permezz tad-djalogu fil-kuntest tad-diversità tas-soċjetajiet Ewropej. Il-KESE ppropona ⁽²⁸⁾ li jitħejjew kotba ta' taġrif.

4.10.5. Il-KESE jipproponi approċċ pożittiv dwar l-integrazzjoni. Madankollu, xi gvernijiet għandhom approċċ negattiv dwar l-integrazzjoni u jikkunsidrawha bħala mezz ġdid ta' diskriminazzjoni u ostaklu ieħor għall-ugwaljanza u l-aċċess għad-drittijiet fundamentali. Il-KESE jqis li dan l-approċċ jinsab f'kuntradizzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 (dritt għanondiskriminazzjoni) u 22 (dritt għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika) tal-Karta.

4.10.6. Bħala eżempji tal-aħjar Prattika hemm il-ħolqien ta' forums u pjattaformi konsultattivi li jinvolvu lis-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u għaldaqstant il-KESE jħeġġeġ

l-Istati Membri kollha sabiex iwaqqfu strutturi bħala dawn. Il-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni, li twaqqaf dan l-aħħar bis-saħħa tal-kooperazzjoni tal-Kummissjoni u l-KESE, huwa għodda importanti ħafna sabiex l-integrazzjoni tissaħħa permezz ta' approċċ Ewropew.

5. **Ċittadinanza Ewropea aktar inklużiva**

5.1. Xi gvernijiet adottaw pożizzjoni nazzjonalista favur l-esklużjoni u b'hekk jiddefinixxu l-identità nazzjonali u Ewropea b'mod li jeskludu u jħallu barra minnha d-diversità attwali tas-soċjetajiet Ewropej u d-diversità ta' ħafna persuni minħabba l-orijini etnika, nazzjonali, reliġjuża jew kulturali tagħhom.

5.2. Is-soċjetajiet demokratiċi tagħna huma mħallta u jgawdu minn rikkezza ta' diversità kbira. Kull ċittadin Ewropew huwa msawwar minn identitajiet differenti. Id-demokraziji Ewropej huma soċjetajiet ħielsa u miftuħa u għandhom ikunu msejsa fuq l-inklużjoni taċ-ċittadini kollha, ikunu xi jkunu r-referenzi identitarji tagħhom.

5.3. Il-kwalità tad-demokrazija tista' tbat i jekk id-drittijiet relatati maċ-ċittadinanza jiġu ristretti permezz ta' viżjoni dejqa u esklużiva tal-identità. Il-politiki tal-integrazzjoni u l-leġiżlazzjoni tal-immigrazzjoni ma għandhom qatt jintużaw bħala ġustifikazzjoni politika għall-esklużjoni tal-immigranti u tal-minoranzi mid-drittijiet fundamentali tagħhom.

5.4. Il-KESE jqis li s-sisien tad-demokraziji tagħna għandhom jiġu estiżi biex jinkludu ċittadini ġodda, li huma ugwali fid-drittijiet u fl-obbligi. Id-drittijiet taċ-ċittadinanza nazzjonali u Ewropea għandhom ikopru l-forom kollha tad-diversità mingħajr diskriminazzjoni ⁽²⁹⁾.

5.5. Il-KESE fassal opinjoni fuq inizjattiva proprja ⁽³⁰⁾ indirizzata lill-Konvenzjoni li ħejjiet it-Trattat Kostituzzjonali, trattat ta' xortih ħażina, fejn talab sabiex iċ-ċittadinanza Ewropea tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenti fit-tul. Il-Kumitat jitolb lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew jinkludu din il-proposta bħala prijorità fil-mandat il-ġdid tagħhom.

Brussell, 4 ta' Novembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽²⁸⁾ Opinjoni tal-KESE; ĠU C 185, 8.8.2006, p. 42.

⁽²⁹⁾ L-Artikolu 13 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

⁽³⁰⁾ Opinjoni fuq inizjattiva proprja; ĠU C 208, 3.9.2003, p. 76.